2026/2575

16.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2575

tas-16 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2026, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod u persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni ser tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni mir-Russja tal-attakki tagħha fuq skala kbira, intenzjonati u sistematiċi bil-missili u bid-droni kontra l-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll id-determinazzjoni tal-Unjoni li tkompli żżid il-pressjoni tagħha fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha u tidħol f'negozjati sinifikattivi għall-paċi.

(3) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa u li qed teskala tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li jeħtieġ jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 12-il individwu u 101 entità jiżdiedu fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2945.	Igor Aleksandrovich KONFINO bir-Russu: Игорь Александрович КОНФИНО	Funzjoni: Maniġer ta' White Agate Marine SPC, Citrine Marine SPC u Serpentine Marine SPC Data tat-twelid: 9.7.1980 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 231555767265 Entità assoċjata: Sovcomflot JSC	Igor Konfino huwa maniġer irreġistrat ta' White Agate Marine SPC, Serpentine Marine SPC u Citrine Marine SPC. Dawk il-kumpaniji huma s-sidien irreġistrati ta' bosta bastimenti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja u jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Barra minn hekk, bosta bastimenti proprjetà ta' White Agate Marine SPC, Serpentine Marine SPC u Citrine Marine SPC qabel kienu uffiċjalment proprjetà ta' Sovcomflot JSC, kumpanija ewlenija tat-tbaħħir Russa, u ta' kumpaniji assoċjati. L-indirizz tal-kuntatt ta' Igor Konfino juża dominju kondiviż ma' Sovcomflot JSC jew kumpaniji assoċjati. Għalhekk, Igor Konfino jiġġestjona kumpaniji li huma propjetarji ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja u li jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Igor Konfino huwa assoċjat ukoll ma' Sovcomflot JSC.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2946.	Daniil Yuryevich MOSIN bir-Russu: Даниил Юрьевич МОСИН	Funzjonijiet: Maniġer ta' White Agate Marine SPC, Citrine Marine SPC u Serpentine Marine SPC Data tat-twelid: 26.12.1984 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 231516475283 Entità assoċjata: Sovcomflot JSC	Daniil Mosin huwa maniġer irreġistrat ta' White Agate Marine SPC, Serpentine Marine SPC u Citrine Marine SPC. Dawk il-kumpaniji huma s-sidien irreġistrati ta' bosta bastimenti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja u jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Barra minn hekk, bosta bastimenti proprjetà ta' White Agate Marine SPC, Serpentine Marine SPC u Citrine Marine SPC qabel kienu uffiċjalment proprjetà ta' Sovcomflot JSC, kumpanija ewlenija tat-tbaħħir Russa, u ta' kumpaniji assoċjati. Dawk il-kumpaniji huma marbuta ma' Sovcomflot JSC permezz tal-istruttura tal-ġestjoni tagħhom. Għalhekk, Daniil Mosin jiġġestjona kumpaniji li huma propjetarji ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja u li jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Daniil Mosin huwa assoċjat ukoll ma' Sovcomflot JSC.	16.11.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2575/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2947.	Artur Robertovich PARANYANTS bir-Russu: Артур Робертович ПАРАНЯНЦ	Funzjoni: Fundatur ta' AP International Petroleum Trading DMCC Data tat-twelid: 23.8.1998 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 234908394961	Artur Paranyants huwa negozjant Russu involut fis-settur tal-enerġija. Artur Paranyants il-fundatur u l-maniġer tal-liċenzji ta' AP International Petroleum Trading DMCC u membru tal-Kumitat tal-Awditjar tal-Bord tad-Diretturi ta' LLC 'Slavyansk ECO'. AP International Petroleum Trading DMCC hija kumpanija stabbilita fl-Emirati Għarab Magħquda u involuta fil-kummerċ globali taż-żejt. Il-fornitur ewlieni ta' AP International Petroleum Trading DMCC hija LLC 'Slavyansk ECO', kumpanija Russa involuta fil-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt u l-bejgħ ta' prodotti tal-petroleum. AP International Petroleum Trading DMCC hija wkoll id-debitur ewlieni ta' LLC 'Slavyansk ECO'. Artur Paranyants għandu parentela ma' Robert Paranyants li, flimkien ma' ħuh Valery Paranyants, huwa s-sid tal-biċċa l-kbira tal-ishma ta' LLC 'Slavyansk ECO'. Artur u Robert Paranyants huma s-sidien ukoll ta' ishma f'kumpaniji oħra, inkluż kumpaniji involuti fil-produzzjoni taż-żejt. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Artur Paranyants huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Artur Paranyants huwa assoċjat ukoll ma' Robert Paranyants.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2948.	Konstantin Rafikovich AGADZHANYAN bir-Russu: Константин Рафикович АГАДЖАНЯН	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC 'Slavyansk ECO' Data tat-twelid: 1971 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 234905154136	Konstantin Agadzhanyan huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC 'Slavyansk ECO', kumpanija Russa involuta fil-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt u l-bejgħ ta' prodotti tal-petroleum, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Krasnodar. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Konstantin Agadzhanyan huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026
2949.	Luiza Zavenovna PAPAZYAN magħrufa wkoll bħala Louise Papzyan bir-Russu: Луиза Завеновна ПАПАЗЯН	Funzjoni: Azzjonista ta' LLC 'Slavyansk ECO' Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 234908394961 Individwi assoċjati: Robert Paranyants; Valery Paranyants	Luiza Papazyan hija negozjant Russa involuta fis-settur taż-żejt. Luiza Papazyan hija waħda mit-tliet azzjonisti ta' LLC 'Slavyansk ECO', kumpanija Russa importanti involuta fil-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt u l-bejgħ ta' prodotti tal-petroleum, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Krasnodar. Luiza Papazyan hija s-sid ukoll ishma f'kumpaniji oħra, inkluż kumpaniji involuti fil-produzzjoni taż-żejt. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Luiza Papazyan hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Luiza Papazyan hija assoċjata wkoll ma' Robert Paranyants u Valery Paranyants.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2950.	Robert Vasilyevich PARANYANTS bir-Russu: Роберт Васильевич ПАРАНЯНЦ	Funzjoni: Azzjonista ta' LLC 'Slavyansk ECO' Data tat-twelid: 19.7.1972 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 234901151582	Robert Paranyants huwa negozjant Russu involut fis-settur taż-żejt. Robert Paranyants huwa l-azzjonist ewlieni ta' LLC 'Slavyansk ECO', kumpanija Russa importanti involuta fil-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt u l-bejgħ ta' prodotti tal-petroleum, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Krasnodar. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Robert u ħuh Valery Paranyants huma s-sidien ukoll ta' ishma f'kumpaniji oħra, inkluż kumpaniji involuti fil-produzzjoni taż-żejt. Għalhekk, Robert Paranyants huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Robert Paranyants huwa assoċjat ukoll ma' Valery Paranyants.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2951.	Valery Vasilyevich PARANYANTS bir-Russu: Валерий Васильевич ПАРАНЯНЦ	Data tat-twelid: 1967 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 616483414106 Individwu assoċjat: Robert Paranyants	Valery Paranyants huwa negozjant Russu involut fis-settur taż-żejt. Valery Paranyants huwa wieħed mit-tliet azzjonisti ta' LLC 'Slavyansk ECO', kumpanija Russa importanti involuta fil-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt u l-bejgħ ta' prodotti tal-petroleum, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Krasnodar. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Valery u ħuh Robert Paranyants huma s-sidien ukoll ta' ishma f'kumpaniji oħra, inkluż kumpaniji involuti fil-produzzjoni taż-żejt. Għalhekk, Valery Paranyants huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Valery Paranyants huwa assoċjat ukoll ma' Robert Paranyants.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2952.	Sergey Mikhailovich GRIB bir-Russu: Сергей Михайлович ГРИБ	Funzjoni: Sid ta' LLC 'Omega Energy' u ta' LLC 'Marine Legacy' Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770482905454	Sergey Grib huwa s-sid ta' LLC 'Omega Energy' u LLC 'Legacy Marine' LLC 'Omega Energy' hija kumpanija Russa involuta fil-kummerċ ta' prodotti tal-petroleum u marbuta, b'mod partikolari permezz tas-sid tagħha, ma' networks opaki ta' kumpaniji involuti fl-esportazzjoni taż-żejt Russu, inkluż għall-benefiċċju ta' kumpaniji ewlenin taż-żejt Russi. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, qed jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. LLC 'Legacy Marine' hija kumpanija Russa li topera jew timmaniġġa bastimenti involuti fi prattiki perikoluż waqt li jittrasportaw żejt Russu, bħal li ma jżommux assigurazzjoni adegwata ta' responsabilità ċivili, li jwettqu operazzjonijiet perikoluż, li jieħdu miżuri apposta biex jevitaw id-detezzjoni tal-bastiment bħat-tifi tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika tagħhom, jew li ma joperawx fl-ambitu ta' politika trasparenti ta' governanza korporattiva. Għalhekk, Sergey Grib huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Sergey Grib jiġġestjona wkoll kumpaniji li huma propjetarji ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum jew prodotti minerali li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja u li jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2953.	Tatyana Vladimirovna KIM (li qabel kienet Tatyana Vladimirovna Bakalchuk) bir-Russu: Татьяна Владимировна КИМ (li qabel kienet Татьяна Владимировна Бакальчук)	Funzjoni: Imprenditur Russu; Fundatur u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Wildberries Data tat-twelid: 16.10.1975 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 507203757508	Tatyana Kim (li qabel kienet Tatyana Bakalchuk) hija imprenditur Russu, u l-Fundatur u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Wildberries, l-akbar bejjiegħ bl-imnut online tar-Russja. Wildberries tikkontrolla kważi nofs is-suq tal-kummerċ elettroniku tar-Russja, u tipproċessa biljuni ta' dollari f'bejgħ annwali. Wildberries hija waħda mill-akbar kontribwenti tat-taxxa fil-Federazzjoni Russa.. Wildberries topera bħala network ta' provvista għall-militar Russu billi tiffaċilita l-bejgħ ta' oġġetti militari u b'użu doppju. Wildberries iffurmat sħubija strateġika ma' VTB Bank, li fil-maġġoranza tiegħu huwa proprjetà tal-Istat, entità elenkata mill-Unjoni. Għalhekk, Tatyana Kim qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Tatyana Kim qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali Russu, inkluż permezz tal-involviment tagħha fil-provvista ta' teknoloġija u tagħmir militari.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2954.	Ruslan Sulimovich BAYSAROV bir-Russu: Руслан Сулимович БАЙСАРОВ	Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi ta' TEPC (JSC Tuva Energy Industrial Corporation) Data tat-twelid: 9.8.1968 Post tat-twelid: Prigorodnoye, Groznensky district, Checheno-Ingush Autonomous Soviet Socialist Republic, RSFSR, USSR Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 507203757508 Entità assoċjata: PJSC Yuzhuralzoloto Group of Companies (UGC)	Ruslan Baysarov huwa biljunarju Russu li għandu assi ewlenin infrastrutturali, tal-estrazzjoni minerarja u tal-enerġija madwar il-Federazzjoni Russa. Ruslan Baysarov iservi bħala l-President tal-Bord tad-Diretturi TEPC (JSC Tuva Energy Industrial Corporation) u huwa l-azzjonist ewlieni ta' JSC Bamtonnelstroy-Most (BTS-Most), waħda mill-akbar kumpaniji tal-kostruzzjoni speċjalizzata fl-infrastruttura u t-trasport tar-Russja. F'Ġunju 2026, Ruslan Baysarov, permezz ta' BTS-Most Holding, sar l-azzjonist maġġoritarju f'Yuzhuralzoloto (UGC) (bħalissa BTS-Gold). Yuzhuralzoloto (UGC) hija waħda mill-akbar kumpaniji tal-estrazzjoni tad-deheb fil-Federazzjoni Russa u hija elenkata mill-Unjoni. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ruslan Baysarov huwa wkoll is-sid u d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tuva Energy Industrial Corporation (TEPK), kumpanija li tiffoka fuq l-iżvilupp tad-depożitu tal-faħam Elegest u fuq il-kostruzzjoni tal-ferrovija. Għalhekk, Ruslan Baysarov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Ruslan Baysarov qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja, li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2955.	Alexander Anatolyevich CHACHAVA bir-Russu: Александр Анатольевич ЧАЧАВА	Funzjoni: Imprenditur Russu, Fundatur u Sieħeb Maniġerjali tad-ditta ta' kapital ta' riskju Leta Capital; sid ta' JSC 'O23' Data tat-twelid: 27.10.1979 Post tat-twelid: Tbilisi, Georgia (li kienet GSSR) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Chachava huwa imprenditur Russu, il-Fundatur u s-Sieħeb Maniġerjali tad-ditta ta' kapital ta' riskju Leta Capital. Alexander Chachava huwa s-sid tal-kumpanija azzjonarja ta' investiment Russa JSC 'O23', li hija s-sid tal-akbar sehem fit-tieni l-akbar kumpanija tal-kummerċ elettroniku tar-Russja Ozon. Ozon isservi bħala network ta' provvista għall-militar Russu billi tiffaċilita l-bejgħ ta' tagħmir militari u oġġetti b'użu doppju. Alexander Chachava għandu wkoll sehem f'Yandex, l-akbar kumpanija tal-IT fil-Federazzjoni Russa. Is-settur tal-IT jiġġenera dħul sostanzjali għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Alexander Chachava huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Alexander Chachava qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, u jibbenefika mill-kumpless militari u industrijali Russu, inkluż permezz tal- involviment tiegħu fil-provvista ta' teknoloġija u tagħmir militari.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2956.	Sergey Vladimirovich MATVIENKO bir-Russu: Сергей Владимирович МАТВИЕНКО	Funzjonijiet: Negozjant Russu, iben il-President tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa u l-eks gvernatur ta' San Pietruburgu Valentina Matvienko, sid ta' LLC Parameter Data tat-twelid: 5.5.1973 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel INN 782509603622 Individwu assoċjat: Valentina Matvienko	Sergey Matvienko huwa negozjant Russu, azzjonist ta' LLC Megalit-Okhta Group, wieħed mill-akbar żviluppaturi tal-proprjetà immobbli tar-Russja. Bħala żviluppatur tal-proprjetà immobbli b'valur ta' bosta biljuni ta' rubli, LLC Megalit-Okhta Group taġixxi bħala kontributur fiskali ewlieni għall-baġit tal-Federazzjoni Russa. Sergey Matvienko huwa wkoll l-uniku sid ta' LLC Parameter, kumpanija ewlenija Russa tal-inġinerija u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura li tispeċjalizza fil-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi kif ukoll fit-tiswija ta' sistemi tad-drenaġġ. Il-kumpaniji ta' Sergey Matvienko qed jaħdmu primarjament ma' klijenti ewlenin b'kuntratti governattivi. Għalhekk, Sergey Matvienko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Sergey Matvienko qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026”

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1846	JSC 'Alef-Bank' bir-Russu: АО АКБ 'Алеф-Банк'	Indirizzi: Building 1, 21/33, Krzhizhanovskogo Street, Moscow, 117218, Russian Federation 5 Moldavskaya St., Moscow, 121467, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 16.10.1992 NIT: 7710050376 KPP: 773101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 411-77-47 Sit web: https://www2.alefbank.com/ Posta elettronika: alefbank@alefbank.ru	JSC 'Alef-Bank' huwa bank kummerċjali Russu bil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Moska. JSC 'Alef-Bank' jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC 'Alef-Bank' iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. JSC 'Alef-Bank' għandu liċenzja mis-Servizzi Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) għal attivitajiet ta' protezzjoni kriptografika u ta' informazzjoni. Barra minn hekk, JSC 'Alef-Bank' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura ta' self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, JSC 'Alef-Bank' qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'Alef-Bank' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC 'Alef-Bank' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1847.	JSCB 'Agropromcredit' bir-Russu: АО КБ 'Агропромкредит'	Indirizz: 22 Burdenko Street, Moscow, 119121, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 9.6.1994 NIT: 5026014060 KPP: 7704010014 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 739-20-05, +7 (495) 755-80-08 Sit web: www.apkbank.ru Posta elettronika: info@apkbank.ru	JSCB 'Agropromcredit' huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska. Dan il-bank huwa taħt il-kontroll primarju tal-Federazzjoni Russa, permezz tal-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Proprjetà tal-Istat (Rosimushestvo). JSCB 'Agropromcredit' għandu liċenzja mis-Servizzi Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB)għal attivitajiet ta' protezzjoni kriptografika u ta' informazzjoni. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSCB 'Agropromcredit' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1848.	JSC 'Bank 131' bir-Russu: АО 'Банк 131'	Indirizz: 38 Nekrasova Street, Kazan, Republic of Tatarstan, 420012, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 21.3.2019 NIT: 1655505780 KPP: 165501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://131.ru/ Posta elettronika: dengi@131.ru	JSC 'Bank 131' huwa bank tat-teknoloġija finanzjarja Russu bil-kwartieri ġenerali fir-Repubblika ta' Tatarstan. Dan il-bank jiffoka fuq il-forniment ta' servizzi ta' tranżazzjoni lil negozji Russi u internazzjonali, l-għoti ta' servizz għal trasferimenti ta' flus internazzjonali u pagamenti transfruntieri. JSC 'Bank 131' jaġixxi bħala operatur tas-sistema ta' pagament permezz tal-pjattaforma tiegħu dengi.ru u b'hekk jiffaċilita l-pagamenti diretti transfruntieri. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'Bank 131' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1849.	Joint Stock Commercial Bank 'SLAVIA' bir-Russu: Акционерное Общество Коммерческий Банк 'СЛАВИЯ'	Indirizz: 5A Kedrova St., Moscow, 117292, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 27.1.1994 NIT: 7726000596 KPP: 772801001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 276-10-95 Sit web: https://www.slaviabank.ru/ Posta elettronika: info@slaviabank.ru, mail@slaviabank.ru	Joint Stock Commercial Bank (JSCB) 'SLAVIA' huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska li jopera taħt liċenzja universali mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li jawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSCB 'SLAVIA' sservi bħala istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata mill-gvern li toħroġ garanziji bankarji formali lis-Servizz Doganali Federali tal-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSCB 'SLAVIA' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1850.	JSC Bank 'Snezhinskiy' bir-Russu: АО Банк 'Снежинский'	Indirizz: 19, Ulitsa Vasil'yeva, Snezhinsk, Chelyabinskaya Oblast, 456770, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 14.2.1991 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (351) 245-33-33 Sit web: www.snbank.ru Posta elettronika: bank@snbank.ru	JSC Bank 'Snezhinskiy' huwa wieħed mill-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu ewlenin fir-reġjun ta' Chelyabinsk tal-Federazzjoni Russa. Din l-istituzzjoni topera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC Bank 'Snezhinskiy' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1851.	JSC Bank 'Zarechye' bir-Russu: АО 'Банк Заречье'	Indirizz: Bldg. 2, Luknitskogo Street, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation, 420032 Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 16.11.1990 NIT: 1653016664 KPP: 165601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (843) 557-59-03, +7 (843) 557-59-39 Posta elettronika: office@zarech.ru Sit web: www.zarech.ru	JSC Bank 'Zarechye' huwa bank reġjonali bbażat fir-Repubblika tat-Tatarstan. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. Wieħed mill-akbar azzjonisti tal-bank huwa JSC Kazan Helicopter Plant, kumpanija tal-industrija militari Russa elenkata mill-Unjoni. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC Bank 'Zarechye' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Bank 'Zarechye' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1852.	JSC 'Databank' bir-Russu: АО 'Датабанк'	Indirizz: 51 Ordzhonikidze Street, Izhevsk, Republic of Udmurtia, 426076, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 30.10.1990 NIT: 1835047032 KPP: 184101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 800 301-91-91, +7 (3412) 919-100 Sit web: https://databank.ru/	JSC 'Databank' huwa bank kummerċjali reġjonali Russu bil-kwartieri ġenerali f'Izhevsk, fir-Repubblika ta' Udmurtia. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC 'Databank' iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Barra minn hekk, JSC 'Databank' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura tas-self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, JSC 'Databank' qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'Databank' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC 'Databank' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1853.	JSC CB 'Dolinsk' bir-Russu: АО КБ 'Долинск'	Indirizz: 145, Komsomolskaya Street, Yuzhno-Sakhalinsk, Sakhalin Oblast, 693010, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 21.11.1990 NIT: 6500001204 KPP: 650101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (4242) 45-22-47 Posta elettronika: office@bankdolinsk.ru Sit web: https://dolinskbank.ru/	JSC CB 'Dolinsk' huwa bank kummerċjali reġjonali bil-kwartieri ġenerali tiegħu fir-reġjun ta' Sakhalin tal-Federazzjoni Russa. Dan il-bank huwa taħt il-kontroll operattiv dirett tal-Gvern Russu. JSC CB 'Dolinsk' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura tas-self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC CB 'Dolinsk' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC CB 'Dolinsk' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1854.	Joint Stock Investment Commercial Bank Eniseisk United Bank bir-Russu: АО АИКБ 'Енисейский объединенный банк'	Indirizz: Premises 25-26-27, 62 Karla Marksa Street, Krasnoyarsk, Krasnoyarsk Krai, 660049, Russia Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 6.1.1994 NIT: 2447002227 KPP: 246601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (391) 277-00-00 Fax: +7 (391) 277-96-31 Posta elettronika: bank@united.ru Sit web: bank@united.ru	Joint Stock Investment Commercial Bank Eniseisk United Bank huwa bank kummerċjali reġjonali Russu bil-kwartieri ġenerali tiegħu fir-Reġjun ta' Krasnoyarsk. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, Joint Stock Investment Commercial Bank Eniseisk United Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2575/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1855.	JSC 'GUTA-BANK' bir-Russu: АО 'ГУТА-БАНК'	Indirizz: Building 3, 5 Orlikov Lane, Moscow, 107078, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC 'GUTA-BANK' huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska.Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC 'GUTA-BANK' iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Barra minn hekk, JSC 'GUTA-BANK' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura tas-self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-ħekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, JSC 'GUTA-BANK' qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'GUTA-BANK' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC 'GUTA-BANK' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1856.	JSC JSCB 'International Financial Club' magħruf ukoll bħala JSC MFK Bank bir-Russu: АО АКБ 'Международный финансовый клуб' magħruf ukoll bħala АКБ 'МФК'	Indirizz: Presnenskaya Embankment, 10, Moscow, 123112, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 20.12.1993 NIT: 7744000038 KPP: 770301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 287-02-60 Indirizz elettroniku: tp@mfk-bank.ru Sit web: www.mfk-bank.ru	JSC JSCB 'International Financial Club' huwa bank kummerċjali bbażat f'Moska li huwa fost l-akbar 60 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC JSCB 'International Financial Club' iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC JSCB 'International Financial Club' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2575/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1857.	JSC 'Interprogressbank' magħruf ukoll bħala JSC Bank IPB bir-Russu: АО 'Интерпрогрессбанк' magħruf ukoll bħala АО Банк ИПБ	Indirizz: Building 1, House 2, Starokashirskoe Highway, Moscow, 115201, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 26.10.1990 NIT: 7724096412 KPP: 772401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 411 00 00 Posta elettronika: info@ipb.ru Sit web: https://ipb.ru/	JSC 'Interprogressbank' huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC 'Interprogressbank' iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Barra minn hekk, JSC 'Interprogressbank' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura tas-self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-ħekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, JSC 'Interprogressbank' qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'Interprogressbank' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC 'Interprogressbank' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1858.	JSC KB Kubantorgbank magħruf ukoll bħala JSC Kuban Trade Bank bir-Russu: АО КБ 'Кубаньторгбанк' magħruf ukoll bħala Акционерное Общество Коммерческий Банк 'Кубанский торговый банк'	Indirizz: 35 Mira St, Krasnodar, Krasnodar Krai, 350063, Russian Federation Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 15.10.1990 NIT: 2309023960 KPP: 231201001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (861) 212 60 80 Posta elettronika: info@kubantorgbank.ru Sit web: https://bktb.ru/	JSC KB Kubantorgbank huwa bank kummerċjali reġjonali Russu bil-kwartieri ġenerali tiegħu fi Krasnodar Krai. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. JSC KB Kubantorgbank iffirma ftehim mal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa biex jipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC KB Kubantorgbank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.11.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2575/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1859.	JSC 'Maritime Bank' bir-Russu: АО 'Морской Банк'	Indirizz: Bldg 1A, Office 1/5, Varshavskoe Road, Moscow, 117105, Russia Tip ta' Entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 29.3.1989 NIT: 7714060199 KPP: 772601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel.: +7 (495) 777-11-77 Sit web: http://www.maritimebank.com/ Posta elettronika: info@maritimebank.com	JSC 'Maritime Bank' huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska. Dan il-bank jopera taħt liċenzja bankarja universali maħruġa mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa li tawtorizzah iwettaq operazzjonijiet bankarji. Il-bank jispeċjalizza fil-forniment ta' servizzi lil kumpaniji tat-trasport bl-ilma. Barra minn hekk, JSC 'Maritime Bank' joffri perjodi ta' grazzja għall-ħlas lura tas-self lill-membri tal-Forzi Armati Russi, fosthom dawk involuti fl-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali'. B'riżultat ta' dan, JSC 'Maritime Bank' qed jimplimenta direttament il-politiki tal-Gvern Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, JSC 'Maritime Bank' huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC 'Maritime Bank' qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.11.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
